TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 189/13-F

**Avyril Azzopardi**
**vs**
**EIE Group**

Illum 21 ta' Jannar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 ta' Awwissu, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mija, u disgħa w disgħin ewro (€399), rappreżentanti prezz ta' kors għal *Child Care Learning and Development,* liema kors qatt m'attendiet għax dan qatt ma beda.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet applikat għal kors ta' *Child Care Learning and Development* mas-soċjeta' ntimata, u li ħallset tliet mija, u disgħa w disgħin ewro (€399) għal dan il-kors, u liema *cheque* kien issarraf. Il-kors kellu jibda f'Ottubru 2012 u dan qatt ma beda.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' ntimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tar-rikorrenti hija aċċettabbli, u kif ukoll jinnota illi t-talba mhix kontestata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tliet mija, u disgħa w disgħin ewro (€399), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888